MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 333/2004

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera  Royal & Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Lawrence Cuschieri u l-istess Lawrence Cuschieri u b'nota tas-6 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat taghha Lawrence Cuschieri assumiet il-vesti tal-attur f'din il-kawza**

**vs**

**Darren Frendo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sitt mija u erba' u ghoxrin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm624.49) rapprezentanti danni

kagunati lill-atturi in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Paola fil-15 ta’ Jannar 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru BAO 528 habat mal-vettura numru BBM 823 propjeta’ ta’ u misjuqa mill-attur Lawrence Cuschieri, ghall-liema ncident il-konvneut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
BL-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tal-21 ta’ Frar 2003, l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b’notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligjiet ta’ Malta u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ttal-Avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra n-nota tas-socjeta’ Elmo Insurance Limited tas-6 ta’ Mejju 2004 bhala cessjonarja tad-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat taghha Lawrence Cuschieri fejn hija assumiet il-vesti tal-attur f’din il-kawza

Ra r-Risposta tal-kovenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-incident tat-raffiku li sehh fil-15 ta’ Jannar 2003 ma garax tort u htija tal-konvenut u dan k if ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici f’dak li jirirgwarda danni huma esagerati ghal kollox.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota tas-socjeta’ attrici Elmo Insurance Limited tat-28 ta’ Ottubru 2004 fejn hija rriduciet it-talba taghha minn Lm599.49 ghal Lm581.79.

Sema’ x-xhieda ta’ Johann Triganza, PS 947 Adrian Paul Vella, Lawrence Cuschieri u l-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilsitiku li sehh fil-15 ta’ Jannar 2003, fi Triq il-Belt Valletta, Paola bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBM 823 misjuqa minn Lawrence Cuschieri u assikurata taht polza tat-tip comprehensive mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO 528 misjuqa mill-konvenut.

Lawrence Cuschieri xehed li fid-data tal-incident in kwstjoni huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BBM 823 u kien niezel fValletta Road, Paola. Huwa kien niezel in-nizla u malli wasal hdejn in-nicca tal-Madonna ta’ Lourdes il-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet diehla fih minn wara jghid Cuschieri u bid-daqqa il-vettura tieghu spiccat daret u giet thares fid-direzzjoni li minnha kien gej. Lawrence Cuschieri jispjega li l-hsara fil-vettura tieghu kienet wara man-naha tal-lemin filwaqt fil-vettura tal-konvenut din kienet fuq quddiem mal-lemin. Cuschieri jispjega li huwa kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq.
Il-konvenut xehed li huwa kien qed siuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAO 528. Huwa kien tiela’ minn Valletta Road u ra l-vettura misjuqa mill-attur gejja mid-direzzjoni tal-Habs. Huwa ried jidhol f’New Street u jghid li l-vettura l-ohra baqghet niezla u mbaghad f’daqqa wahda waqfet u huwa ghalhekk laqat lil din il-vettura fil-bieba ta’ wara u fil-mudgueard. Il-konvenut isostni li meta ra l-vettura ta’ Cuschieri l-ewwel darba din kienet madwar tul ta’ awla l-boghod minnu. In kontro-ezami l-konvenut qabel li l-habta sehhet waqt li huwa kien qed idur u meta l-vettura l-ohra kienet niezla ghad-dritt. Huwa qabel li l-hsara fil-vettura tal-attur kienet dik riportata fir-rtiratti esebiti a fol. 36 tal-process. Irid jigi rilevat li mir-*Raod Accident Report* esebit a fol. 44 tal-process jirrizulta li *a tempo vergine* il-konvenut ma qalx li l-vettura ta’ Cuschieri kienet waqfet.

Minn ezami tal-provi jirrizulta ampjament li l-konvenut Darren Frendo kien unikament responsabbli ghall-incident

awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza. Mill-iskizz jidher li l-incident sehh fuq in-naha tat-triq li fiha kien ghaddej minnha l-attur, liema attur kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu ghad-dritt u fuq sajdu meta l-konvenut li kein tiela' minn Valletta Road dar sabiex jidhol f'New Street u laqat il-vettura ta' Cuschieri man-naha tal-lemin fuq wara. Il-konvenut kien negligenti fis-ewqan tieghu meta qabad u biddel id-direzzjoni minghajr ma ezercita il-kawtela rikjesta sabiex jaccerta ruhu li dan il-bdil fid-direzzjoni ma kienx ser jikkawza inkonvenjent lill-utenti ohra tat-triq. Il-hsara fiz-zewg vetturi hija prova ulterjuri ta' dan li ghadu kemm inghad.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kien unikament responsabblli ghall-incident *de quo*.

L-atturi ressqu l-provi kollha relattivi ghad-danni minnhom reklamati liema danni jidher li huma perfettament kompatibbli mad-diinamika tal-incident.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici kif ridotti u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited is-somma ta' hames mija u wiehed u tmenin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm581.79) u lill-attur Lawrence Cuschieri is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-21 ta' Frar 2003, l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligjiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------